



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 92/22

il-Lussemburgu, 2 ta' Ġunju 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-587/20 | HK/Danimark u HK/Privat

### **Limitu ta' età previst mill-istatut ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema sabiex persuna tkun eliġibbli għall-pożizzjoni ta' president tagħha jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni"**

*La n-natura politika ta' tali pożizzjoni u lanqas il-mod ta' reklutaġġ (l-elezzjoni) ma għandhom effett għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva*

A, li twieldet fl-1948, ġiet irreklutata fl-1978 bħala rappreżentanta sindakali f'sezzjoni lokali ta' HK, organizzazzjoni ta' ħaddiema Daniża li tinkludi l-konfederazzjoni HK/Danimark u l-Federazzjoni HK/Privat. Fl-1993, hija ġiet eletta Presidenta ta' HK/Privat. Din il-funzjoni politika, li kienet ibbażata fuq il-fiduċja, kienet madankollu tinkludi ċerti elementi karatteristiċi ta' xogħol. A kienet impjegata full-time, kienet tirċievi salarju mensili u l-liġi dwar il-leave m'ħallas kienet applikabbli għaliha.

Peress li ġiet eletta mill-ġdid kull erba' snin, hija eżerċitat il-funzjonijiet ta' presidenta ta' din il-federazzjoni sat-8 ta' Novembru 2011, data li fiha, fl-età ta' 63 sena, kienet qabżet il-limitu tal-età previst mill-istatut ta' HK/Privat <sup>1</sup> sabiex tikkontesta l-elezzjoni presidenzjali li kellha ssir dik is-sena stess.

Wara l-ilment imressaq minn A quddiem il-Ligebehandlingsnævnet (il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza fit-Trattament, id-Danimarka), din tal-aħħar qieset li l-projbizzjoni ta' A, minħabba l-età tagħha, milli tikkontesta l-elezzjoni għall-presidenza ta' HK/Privat kienet tmur kontra l-liġi Daniża kontra d-diskriminazzjoni <sup>2</sup> u ordnat lil HK tikkompensaha għad-dannu sostnut.

Peress li din id-deċiżjoni ma ġietx eżegwita, din il-kummissjoni, bħala mandatarja ta' A, ressqet azzjoni kontra HK. L-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka) tqis li s-soluzzjoni tat-tilwima tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk, bħala Presidenta eletta ta' HK/Privat u membru tal-persunal politiku tagħha, A taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni". Fil-każ affermattiv, ma huwiex ikkontestat li hija għalhekk vittma ta' diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-età li tmur kontra din id-direttiva, skont l-istatut ta' din il-federazzjoni.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn dik il-qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li limitu ta' età previst mill-istatut ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema sabiex persuna tkun eliġibbli għall-kariga ta' president tagħha jaqa' fil-kamp

<sup>1</sup> Skont dan l-istatut, jistgħu jiġu eletti għall-funzjoni ta' president biss il-membri li, fil-jum tal-elezzjoni, ma jkunux laħqu l-età ta' 60 sena, fejn dan il-limitu tal-età huwa estiż għal 61 sena għall-membri eletti mill-ġdid wara l-kongress tal-2005.

<sup>2</sup> Il-lov om forbud mod forskelsbehandling på arbejdsmarkedet m.v. (forskelsbehandlingsloven) (il-Liġi dwar il-Prinċipju ta' Nondiskriminazzjoni fis-Suq tax-Xogħol - Liġi kontra d-Diskriminazzjoni), kif emendata mil-lov nr. 253 (il-Liġi Nru 253) tas-7 ta' April 2004 u l-lov nr. 1417 (il-Liġi Nru 1417) tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79) (iktar "il quddiem id-"Direttiva 'kontra d-diskriminazzjoni").

ta' applikazzjoni tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni"<sup>3</sup>.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-"kundizzjonijiet għall-aċċess", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva<sup>4</sup>, għall-pożizzjoni ta' president ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għall-attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mill-użu konġunt tal-kliem "impjieg", "attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu" u "xogħol" jirriżulta li din id-dispożizzjoni tkopri l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal kull attività professjonali, ikunu xi jkunu n-natura u l-karatteristiċi tagħha. L-imsemmija kliem għandhom fil-fatt jiġu interpretati f'sens wiesa', kif jirriżulta minn paragun tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-dispożizzjoni.

Għalhekk, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni" jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ma huwiex limitat biss għall-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-pożizzjonijiet okkupati minn "ħaddiema", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE.

Barra minn hekk, l-għanijiet ta' din id-direttiva jikkonfermaw tali interpretazzjoni testwali. Fil-fatt, id-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni", li l-bażi legali tagħha hija l-Artikolu 19(1) TFUE, ma tippredix il-protezzjoni tal-ħaddiema biss bħala l-parti l-iktar dgħajfa ta' relazzjoni ta' xogħol. Din id-direttiva għandha bħala għan it-tneħħija, għar-raġunijiet ta' interess soċjali u pubbliku, tal-ostakoli kollha bbażati fuq raġunijiet diskriminatorji għall-aċċess għall-mezzi ta' għajxien u għall-kapaċità li wieħed jikkontribwixxi għas-soċjetà permezz tax-xogħol, indipendentement mill-forma ġuridika li permezz tagħha l-imsemmi xogħol jiġi pprovdut. Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-pożizzjoni ta' president tal-federazzjoni HK/Privat jaqgħux taħt l-imsemmija direttiva ma tiddependix mill-klassifikazzjoni jew le ta' tali president bħala ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE u tal-ġurisprudenza li tinterpretah<sup>5</sup>.

In-natura politika ta' tali pożizzjoni ma għandhiex effett fuq l-inklużjoni tal-imsemmija kundizzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni" peress li din tapplika kemm fis-settur privat kif ukoll fis-settur pubbliku u indipendentement mill-qasam ta' attività, filwaqt li l-eċċezzjonijiet huma espressament speċifikati<sup>6</sup>. Barra minn hekk, il-metodu ta' reklutaġġ, bħall-elezzjoni, ma għandu ebda effett għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva.

L-evalwazzjonijiet premissi ma humiex imqiegħda f'dubju mill-argument marbut mad-dritt tal-organizzazzjonijiet ta' ħaddiema li jeleġġu liberament ir-rappreżentanti tagħhom, li jikkontribwixxi għal-libertà ta' assoċjazzjoni stipulata fl-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

Fil-fatt, dan id-dritt għandu jiġi rrikonċiljat mal-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol li hija s-suġġett tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni", bħala tliet tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta. Billi l-libertà ta' assoċjazzjoni ma hijiex assoluta, l-eżerċizzju tagħha skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta jista' jkollu limitazzjonijiet, sakemm dawn ikunu previsti mil-liġi u jkunu josservaw il-kontenut essenzjali ta' din il-libertà kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni", li jipprovi li

<sup>3</sup> Artikolu 3(1)(a) u (d) tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni", intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni".

<sup>4</sup> Skont l-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva, din għandha tapplika, fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni Ewropea, għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għall-attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji tal-għażla u l-kundizzjonijiet tar-reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluża l-promozzjoni.

<sup>5</sup> Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "ħaddiem", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat, huwa persuna li twettaq, matul ċertu żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li għalihom hija tirċievi remunerazzjoni.

<sup>6</sup> Skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva "kontra d-diskriminazzjoni", l-Istati Membri jistgħu jipprovdut li din ma tapplikax għall-forzi armati b'mod partikolari fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

din hija applikabbli f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-involviment f'organizzazzjoni ta' ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-eżerċizzju tal-attività ta' president ta' tali organizzazzjoni jaqa' taħt din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, il-fatt li wieħed iressaq il-kandidatura tiegħu għall-elezzjoni ta' president ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema jikkostitwixxi, l-istess bħall-eżerċizzju tal-funzjoni ta' president ladarba elett, mod ta' "involviment", fis-sens normali ta' dan it-terminu, f'tali organizzazzjoni.

Tali interpretazzjoni tissodisfa l-għan ta' din id-direttiva li huwa li tistabilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra diskriminazzjonijiet ibbażati b'mod partikolari fuq l-età fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, b'tali mod li l-kunċetti li, fl-Artikolu 3 tagħha, jippreċiżaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' interpretazzjoni restrittiva.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

